



C/2025/4854

29.8.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Każ M.12026 — ACM / DEUTSCHE POST / DHL PARCEL UK / EVRI)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/4854)

1. Fl-20 ta' Awwissu 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾.

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Apollo Capital Management, L.P. ("ACM", l-Istati Uniti tal-Amerika), parti mill-grupp tal-Fondi Apollo ("Apollo", l-Istati Uniti tal-Amerika),
- DHL eCommerce International Holdings BV (iktar 'il quddiem "DHL eCommerce", in-Netherlands), li tappartjeni għall-grupp Deutsche Post AG (iktar 'il quddiem "DHL", il-Ġermanja),
- EVRI Limited ("EVRI", ir-Renju Unit), ikkontrollata mill-ACM,
- DHL Parcel UK Holding Limited (iktar 'il quddiem "DHL Parcel UK", ir-Renju Unit), ikkontrollata minn DHL.

ACM u DHL se jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikoli 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' DHL Parcel UK u EVRI.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

- ACM huwa konsulent tal-investiment, u Apollo huwa manager tal-assi alternattivi globali li joffri servizzi ta' ġestjoni tal-investiment u ppjanar finanzjarju lill-individwi u lill-investituri istituzzjonali globalment.
- DHL eCommerce hija l-kumpanija azzjonarja ta' ċerti entitajiet ġuridiċi attivi fin-negozju globali tal-kummerċ elettroniku tal-grupp DHL (barra mill-Ġermanja).

3. L-attivitajiet kummerċjali ta' EVRI u ta' DHL Parcel UK huma dawn li ġejjin:

- EVRI hija kumpanija tal-konsenja tal-pakketti. EVRI hija prinċipalment attiva fir-Renju Unit iżda tipprovdi wkoll servizzi limitati ta' loġistika kuntrattwali ta' partijiet terzi fin-Netherlands u servizzi ta' spedizzjoni transfruntiera tal-merkanzija fir-Repubblika tal-Irlanda permezz ta' sussidjarja kollha kemm hi, Coll-8,
- DHL Parcel UK hija vettura holding għal DHL eCommerce UK Limited, li jipprovdi servizzi ta' konsenja tal-pakketti fil-jum li jmiss kif ukoll konsenja tas-servizzi tal-posta fir-Renju Unit.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont in-Notifika tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ⁽²⁾ għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fin-Notifika.

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (Ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12026 — ACM / DEUTSCHE POST / DHL PARCEL UK / EVRI

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
